KUNSILL LOKALI NADUR

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Nadur

## TMIEN (8) LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru Tnejn u Ħamsin (53)

## It-Tnejn, 10 ta' Settembru, 2018

Il-Kunsill Lokali tan-Nadur iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fi Triq it-Tramuntana, Nadur (Għawdex), fl-4:30pm.

**PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Edward Said | Sindku |
| Eucharist Camilleri | Viċi Sindku |
| Dr. Rita Mifsud | Kunsilliera |
| Michael Camilleri | Kunsillier |

**UFFIĊJALI PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Sue Ellen Buġeja | Segretarju Eżekuttiv |

**SKUZATI:**

| | |
|---|---|
| Dr.Josianne Cutajar | Kunsilliera |

**MINUTI**

Is-Sindku Edward Said ippresjeda l-laqgħa.

Il-laqgħa bdiet b'talba.

IFFIRMATA
Edward Said
Sindku

IFFIRMATA
Sue-Ellen Bugeja
Segretarja Ezekuttiva

**53.1**. **Qari tal-ittri ta' l-apoloġiji.**

Kien hemm apoloġija waħda. Il-Kunsilliera, Dr. Josianne Cutajar informat lis-Segretarja li ma tistax tattendi minħabba li tinstab ma tiflaħx. Din ġiet skużata minn dawk preżenti.

**53.2. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti.**

Il-Minuti tal-Tnejn u Ħamsin (52) laqgħa tal-13 ta'Awissu, 2018 ġew ikkoreġuti, approvati, iffirmati u ddikjarati bħala dokument uffiċjali.

**53.3. Komunikazzjoni mis-Sindku u mistoqsijiet mill-Kunsilliera.**

***Premju Anzjanita' Attiva-*** Is-Sindku innota li ser tigi innominata s-Sinjura Lina Mifsud mingħand is-Sindku u s-Segretarja. Kien hemm qbil fuq dan.

***Microphones Mnarja Live-*** Kien hemm qbil li jinxtraw microphones mingħand Paul Camilleri għal Imnarja Live bħala kollaborazzjoni u sabiex ikollna aktar opportunita nesponu dak li jagħmel il-Kunsill.

***Bring in Sites Skola-*** Is-Sindku u s-Segretarja innotaw li hemm problema kbira ħdejn il-bring in sites ta' fejn l-iskola. Is-Segretarja għamlet kuntatt mal-Green Pak rigward il-footages tal-camera. Dawn il-footages gew miftuħa waqt il-laqgħa tal-Kunsill fejn dehru nies li qed jabbużaw mis-sistema. Kien hemm qbil li s-segretarja titlob għal l-aħħar footages l-aktar riċenti lil Green Pak u tagħmel kuntatt ma' dawn in-nies l-ewwel fil-Kunsill. Kien hemm qbil ukoll li jekk jibqa' dan l-abbuż, dawn il-footages jittieħdu passi legali fuqhom.

***Letter Box antika fi Triq San Blas***- Is-Sindku innota li hu bgħat suġġeriment lil Go plc biex din il-letter box antika titħarek fil-Pjazza San Pietru u San Pawl u titgawda minn aktar nies u turisti.

***Traffic Management Grunju***- Is-Sindku innota li ircieva suġġeriment fuq traffic management fi Triq Grunju mingħand residenti f'din it-Triq. Il-Kunsill talab lil TM jagħmel proposta ta' traffic management fuq din l-area. Il-Kunsilliera prezenti raw din il-proposta u kien hemm qbil fuqha. Is-Segretarja innotat li kien hemm resident lil xtaqt jara l-proposta qabel isir. Kien hemm qbil li din tiġi diskussa mar-resident flimkien ma' TM u wara tiġi konfermata lil TM biex isir.

IFFIRMATA
Edward Said
Sindku

IFFIRMATA
Sue-Ellen Bugeja
Segretarja Ezekuttiva

**53.4. Korrispondenza.**

(6281) Ċirkulari numru 6/2018- Regolamenti dwar Attivitajiet li jeħtieġu permess mill-Kunsill Lokali.

(6282) Ċirkulari AKL 2018/066 dwar POYC Outreach Program Kun af aktar dwar il-medicini tieghek.

(6283) E mail mingħand id-Dipartiment għal Gvern Lokali dwar European Week for Waste Reduciton

(6284) Ċirkulari AKL 2018/099- Proċeduri għall-applikazzjonijiet ta' permessi ta' tower cranes

(6285) Ċirkulari AKL 2018/089- Minuti tal-Laqgħa tal-Eżekuttiv Nru. 9.

(6286) Ċirkulari no. 5/2018- Konsultazzjoni tal-ERA mal-Imsiehba Socjali fuq studji dwar l-impatt fuq storbju ambjentali

(6287) Ċirkulari AKL 2018/098- University fo the Third Age 2018-19.

(6288) Ċirkulari AKL 2018-097- EMW Grant for Permanent Sustainable Mobility Measures.

(6289) E mail mingħand ir-Reġjun rigward temporary pavement regulation.

(6290) Ċirkulari AKL 2018/102- Access City Award 2019.

(6291) Ċirkulari AKL 2018/104- Inizjattiva Għotja ta' Demm

(6292) Ċirkulari AKL 2018/105- Press Conference –Masters in Governance and Mangement (Level 7).

(6293) Ċirkulari numru 7/2018- Kjarifika għal Ċirkulari 19/206- Sħubija fil-Local Action Groups (LAGs).

(6294) E mail mingħand id-Dipartment għal Gvern Lokali dwar it-tindif

(6295) Ittra mingħand il-Kumitat għall-Ismijiet tat-Toroq għal Għawdex dwar Triq ix-Xini.

(6296) Ittra mingħand Health Primary health care- rigward Influenza Campaign memo 2018.

(6297) Ċirkulari AKL 2018/106- Ġbir ta' skart riciklat.

(6298) Ċirkulari AKL 2018/107- Ħlas ta' kontijiet tad-dawl u Ilma fil-Kunsilli Lokali- Il-Kunsill ma qabilx fuq dan peress li l-Kunsill diġa' mgħobbi b'ħafna xogħol fuq ftit ħaddiema.

(6299) E mail mingħand ir-Reġjun rigward Proġett Network of European Towns taħt il-Programm Europe for Citizens

(6300) E mail mingħand ir-Reġjun dwar proposta lil MGOZ fuq Depots Temporanji tal-Iskart fil-weekends madwar Għawdex. Din ġiet diskussa izda ma kienx hemm qbil u ma hux ser jiġi propost l-ebda post.

(6301) Email mingħand DLG rigward Permessi fil-ħinnijiet ta' l-iskola.

(6302) Ittra mingħand Familja Borg minn Malta li kellhom inċident fi Triq it-Torri ta' kenuna u fejn qed jgħidu li kissru apparat electroniku. Il-Kunsill bgħat ittra mill-Avukat tal-Kunsill peress li din it-triq qed

ċċedi u allura f'dawn ic-cirkustanzi, hija n-normal li l-Gvern Centrali jiehu hsieb. Il-Kunsill ġibed l-attenzjoni tal-Gvern Centrali u tal-Ministeru għal Għawdex diversi drabi fuq is-sitwazzjoni ta' din it-triq u li l-Kunsill mar jara fuq il-post li l-bankini mhumiex perikoluzi. Il-Kunsill innota ukoll li jrid ikun hemm rapport mingħand il-Pulizija tal-inċident ta' dakinhar biex dawn jibgħatu għal kumpens lil Ministeru għal Għawdex.

**53.5. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti.**

Is-Sindku ta update rigward is-sitwazzjoni finanzjarja lil Kunsilliera preżenti. Is-Sindku innota li jistgħu jitħallsu pagamenti tad-deficit bl-ammont ta' 5,000 euro lil Gatt plc u 5,000 euro lil Road Construction fuq l-PPP. Kien hemm qbil fuq dan.

Kien hemm qbil li jibdew jidħlu ma' l-iskeda tal-pagamenti dawk il-kontijiet li jkunu waslu sa gimgħa qabel il-laqgħa biex b'hekk il-ħaddiema ta' l-uffiċċju jkunu jistgħu jgħalqu l-iskeda.

Kien hemm xi kontijiet li ma kienux fuq l-iskeda tal-pagamenti li ġew approvati. L-iskeda ta' pagamenti ġiet approvata minn dawk preżenti.

**53.6 Offerti Pubbliċi (Tenders u Kwotazzjonijiet);**

***NLC/09/2018- Tender for the installation of new safety mats and new outdoor gym equipment at Belvedere D.C. Cocco palmeri-*** Kif ġie diskuss fl-aħħar laqgħa din l-offerta giet approvata lil l-orħos offerta li kienet konformi u rakommandata mill-Board ta' l-Evalwazzjoni - OPAL (Outdoor Play and Leisure) bl-ammont ta' 6,051.90 euro excl. VAT

***NLC/11/2018- Tender for the supply and installation of new artificial turf at Nadur Football Pitch-*** Kif ġie diskuss fl-aħħar laqgħa din l-offerta giet approvata lil l-orħos offerta li kienet konformi u rakommandata mill-Board ta' l-Evalwazzjoni – Projekte Global Limited bl-ammont ta' 51,303 euro excl. VAT

***NLC/18/2018- Tender for the replacement of safety mats for Nadur Playing fields (Il-Ħali, San Blas, Gnien il-Kunsill)-*** Kif ġie diskuss fl-aħħar laqgħa din l-offerta giet approvata lil l-orħos offerta li kienet konformi u rakommandata mill-Board ta' l-Evalwazzjoni - OPAL (Outdoor Play and Leisure) bl-ammont ta' 2,1431 euro excl. VAT

***NLC/15/2018- Kwotazzjoni ta' Knis fi Triq ix-Xagħri***- Kien hemm offerta waħda li kienet konformi ta' Nicholas Zammit bl-ammont ta' 2,543 excl. VAT li giet approvata wara li kienet rakommandata mill-Board ta' l-Evalwazzjoni.

**53.7 Attivitajiet u Inizjattivi;**

***Clean Up Nadur***- Is-Sindku innota li din ser isir fil-15 ta' Settembru fl-area ta' San Blas.

***Attivita' fil-librerija-*** Is-Sindku innota li din l-attiva' ser isir fit-22 ta' Settembru fil-librerija tan-Nadur u ser tkun tikkonsisti f'crafts għat-tfal.

***Halloween-*** Din l-attivita' ser tkun fil-31 ta' Ottubru. Is-Sindku ser jara rigward band u entertainment. Kien hemm qbil fuq dan.

***Jum il-Kunsill u Ġieħ in-Nadur***- Is-Sindku talab lil Kunsilliera prezenti biex jiġu iffissati d-dati u l-*venue* ta' Ġieħ in-Nadur. Kien hemm qbil li peress li l-Blood donation mhux ser tibqa' isir in-Nadur izda fix-Xewkija ser ikun diffiċli li jinġabru volontiera. Peress li l-ground mhux ser jilhaq jitlesta minhabba Triq l-Imgarr kien hemm qbil li Ġieħ in-Nadur ikun ħdejn il-Club NYFC. Rigward il-gurnata din ser terggħa tiġi diskussa hux ser tkun fis-17 ta' Novembru u jekk il-Quddiesa isir dakinhar ukoll. Bhala parti mill-attivitajiet ta' Jum il-Kunsill ser ikun hemm ukoll ħarga għal l-anzjani. Kien hemm qbil fuq dan kollu.

***Nadur 8k-*** Din l-attivita' ser tkun fis-16 ta' Dicembru**.**

***Socjeta Filarmonika Safra f'Baveno***. Din ser tkun fit-13-16 ta' Ottubru u ser tkun magħhom is-Segretarja tal-Kunsill. Kien hemm qbil li tiġi ordnata momentum.

***Dar Frangisk Grima Safra f'Napli***- Din il-ġita ser tkun fil-5-9 ta' Ottubru u ser ikun magħhom l-iskrivan tal-Kunsill. Kien hemm qbil li ikla minnhom titħallas mill-Kunsill. Kien hemm qbil ukoll li tiġi ordnata momentum.

IFFIRMATA
Edward Said
Sindku

IFFIRMATA
Sue-Ellen Bugeja
Segretarja Ezekuttiva

***Attivita' Milied-*** Is-Sindku innota li din l-attivita' ser tkun fid-19 ta' Diċembru u f'każ ta' maltemp fl-20 ta' Diċembru. Is-Sindku innota li din is-sena l-flus li jinġabru għar-ritratt ta' Santa għandhom immorru għal-MCCF.

**53.8 Proġetti u Xogħolijiet;**

***Rural Roads-*** Is-Sindku innota li Triq Wied Bingemma hija lesta u fadal biss it-tappieri li huma extra fuq it-tender. Kien hemm qbil fuq dan.

***Triq Xurdin-*** Is-Sindku informa lil Kunsilliera prezenti li waqt li kienu qed isiru x-xogħolijiet sfrondiet it-triq. Is-Segretarja informat lil MGOZ b'dan izda m'humiex f'pożizzjoni li jagħmluha. Is-Segretarja talbet stima lil Perit tal-Kunsill u s-Sindku ser jerggħa idaħħal change request form lil ARPA biex forsi tiġi kunsidrata. Kien hemm qbil li jekk ma tiġiex kunsidrata minn naħa ta' l-ARPA dan jitħallas minn naħa tal-Kunsill minħabba li huwa kaz ta emergenza. Il-Viċi Sindku, Eucharist Camilleri għamel suġġeriment biex jekk jerggħu jinħargu fondi oħra bhal dawn tiġi applikata t-triq kollha sa fejn l-Għar ta' Mixta.

***Triq il-Qortin-*** Is-Sindku innota li din it-triq hija lesta.

***Safety Mats-*** Is-Sindku u S-Segretarja qed jistennew data mill-board tal-*Planning Authority* biex jiffirmaw il-Kuntratti.

***Outdoor Gym-*** Is-Sindku innota li qed nistennew DNO mingħand il-*Planning Authority*.

***Charter-*** Il-Viċi Sindku, Eucharist Camilleri ta update ta' l-aħħar laqgħa li kellu tal-Presidium.

**53.9 Rikjesti u Talbiet mill-Pubbliku**

Talba mingħand Familja Portelli rigward Yellow lines fi Triq Sant Indrija. Kien hemm qbil, is-Segretarja ser tibgħat it-talba lil TM.

Talba għal-sement fi Triq ix-Xini fil-biċċa l-ġdida. Kien hemm qbil.

Talba għal Disabled parking quddiem l-iskola fi Triq it-Tigrija. Kien hemm qbil, is-Segretarja ser tibgħat it-talba lil-TM.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Edward Said | Sue-Ellen Bugeja |
| Sindku | Segretarja Ezekuttiva |

Talba għal ħadid mal-ħajt fi Triq Xandriku. Kien hemm qbil.

Talba għal sement fi sqaq fi Triq Għajn Qasab. Kien hemm qbil li qabel naraw l-affarijiet fuq dan u għalissa ma jsir xejn fuqu.

Il-Viċi Sindku, Eucharist Camillieri innota li kellu talba biex jitranga ħajt fil-Wied tar-Ramla

**53.12 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

Il-laqgħa spiċċat fis-6:45p.m. Il-Kunsill qabel li laqgħa oħra ssir nhar it-Tnejn 8 ta’ Ottubru, fil-5:30p.m.

IFFIRMATA
Edward Said
Sindku

IFFIRMATA
Sue-Ellen Bugeja
Segretarja Ezekuttiva